FIL-QORTI CIVILI
(SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 23 ta' Lulju 2020;**

**<u>Rikors nru: 86/2020 AGV :</u>**

**AB**

**vs**

**CD**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB** datat 26 ta' Frar 2020 , fejn ppermetta u talab is-segwenti;

1. Illi l-partijiet zzewwg fis- sebgha ta' Gunju 2013, il-Knisja Parrokjali ta' Sant' Anna Marsascala, ghal dan il-ghan qed jigi ezebit ic-certifikat taz-zwieg tal-partijiet hawn anness u mmarkat Dok. A;
2. Illi minn daz-zwieg ma twieldux tfal;
3. Illi sussegwentament il-partijiet sseperaw minn ma' xulxin permezz ta' kuntratt ta' seperazzjoni, in atti tan-Nutar Dr. Clinton Bellizzi, datat 20 ta' Frar 2017, kopja legali tal-istess kuntratt hawn anness u mmarkat Dok. B;

4. Illi kif jirrizulta mill-kuntratt ta’ seperazzjoni tal-partijiet, il-partijiet, ilhom de facto separati minn Jannar tas-sena 2016 (Vide klawsola 4 tal-kuntratt f’ Dok B anness). Illi ghalhekk jirrizulta li ghaddew ‘il fuq minn erba’ snin minn meta l-partijiet bdew effetivament jghixu de facto separatament minn xulxin;
5. Illi ghalhekk ma hemm l-ebda prospett regenvoli ghar-rikorrenti ghal rikonciljazzjoni stante li minbarra li ilhom separati de facto ghal iktar minn 4 snin, illum ghandhom hajja totalment seperata minn xulxin;
6. Illi skont klawzola tlieta tal-istess kuntratt, il-partijet irrinunzjaw b’ mod definittiv milli jitolbu u/ jew jircievu manteniment minghand xulxin;
7. Illi dawk il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-hall definittiv taz-zwieg u ksib tad-divorzju bejn il-partijiet hekk skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;
8. Illi l-esponenti jiddikjara li huwa domiciljat f’ Malta ghall-effetti u l-finijiet tal-artikolu 66 B (1) (a) tal-kapitolu 16 tal-Ligjiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil din Onorabbli Qorti sabiex joghgboha tiddikjara z-zwieg tieghu mal-intimata CD mahlul b’mod definittiv u li l-partijiet huma divorzjati ghall-effetti u l-finijiet kollha tal-Ligi u sabiex din l-istess Onorabbli Qorti konsegwentament tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk, avza lid-direttur tar-registru pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex b’ hekk dan ikun jista’ jigi registrat fir-Registru Pubbliku skont il-Ligi u dana taht dawk il-provvedimenti kollha li din il-Qorti, jidhrilha li huma xierqa u opportuni.

Il-Qorti rat li fis-seduta tal-Hamis 23 ta' Lulju 2020, dehret il-konvenuta li iddikjarat li mhix qed toggezzjona ghat-talba tad-divorzju.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**